# San Ġiljan Snin Ilu

Kitba ta' Mario Fenech



It-tibdil li rajna jseħħ fil-lokalità ta' San Ġiljan matul dawn l-aħħar snin kien wieħed kbir. Tant hu hekk, li minn raħal ċkejken u kwiet abitat minn numru ta' familji li ħafna minnhom kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom minn fuq il-baħar jew mill-għelieqi tal-madwar, issa San Ġiljan sar wieħed mill-iktar lokalitajiet kummerċjali tal-pajjiż.

Dawn iż-żewġ ritratti li għażilt mill-kollezzjoni tiegħi għal dan l-artiklu jeħduna lura lejn nofs is-seklu dsatax meta San Ġiljan kien għadu fl-istat naturali tiegħi bi ftit bini mifrux 'l hawn u 'l hinn u b'veduta mill-isbaħ tal-Wied li llum jiġbor mhux biss bosta binjiet kbar, iżda wkoll il-Knisja Parrokkjali l-ġdida ddedikata lil San Ġiljan.

F'dawn iż-żewġ ritratti ninnutaw ukoll xi tibdiliet bl-aktar waħda sinjifikanti tkun dik tal-bini tal-Kampnar waħdieni tal-Knisja Parrokkjali l-Qadima magħrufa bħala ta' Lapsi.

Bejn l-ewwel u t-tieni ritratt tidher ukoll żieda ta' xi ftit bini madwar il-Knisja l-Qadima kif ukoll il-bini tal-akwadott li jaqsam minn naħa għall-oħra tal-Wied.

Interessanti ukoll li ninnutaw li man-naħa tax-xellug tat-tieni ritratt naraw il-bini fejn kien hemm il-Venda tal-Omnibus li kien mezz ta' transport ferm popolari man-nies, speċjalment mal-Membri tal-Forzi Armati Ingliżi stazzjonati fil-Barrakki ta' San Ġorġ.

Hawnhekk ukoll ninnutaw l-ewwel arbli u wajers li kienu jwasslu s-sistema tad-dawl elettriku f'dawn l-inġawi ta' San Ġiljan.

Fil-bqija tax-xena naraw għelieqi mtarrġin li jwasslu sal-għolja ta' Ta' Ġiorni. Ħitan tas-sejjieħ li sfortunatament issa ħadulhom posthom blokki kbar ta' bini li jokkupaw iż-żewġ naħat tal-Wied, u fejn qabel l-ilma tax-xita kien jinxtorob mir-raba' saqwi produttiv issa qegħdin narawh jinġabar fil-parti t'isfel tal-Pjazza Spinola u b'xorti ħażina jispiċċa fil-baħar.



Kien żmien ieħor, żmien meta l-poplu ta' San Ġiljan kellu quddiemu ir-raġuni għaliex tant snin qabel il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann kienu għażlu din il-parti tal-Gżira biex imorru għall-kaċċa fiha, u fl-istess żmien jibnu l-ewwel Kappella ddedikata lil San Ġiljan, il-Qaddis Protettur tal-Kaċċaturi.


